MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2013

Avviz Numru. 37/2013

**Fl-atti tal-Ittra Ufficcjali bin-numru 2945/2012 intavolata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-ismijiet:**

**Emy Calleja Company Limited**
**vs**
**Sunshine Breaks Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti Sunshine Breaks Limited [C48583] li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti nhar is-7 ta' Frar 2013, fejn esponiet:

*"Illi fil-11 ta' Diċembru 2012 is-soċjeta' intimata ntavolat ittra uffiċċjali bin-numru 2945/2012 fil-konfront tas-soċjeta' esponenti għall-ammont ta' sebat elef, sitt mija u wiehed u sittin ewro u sitta u sebghin centesmu (€7,661.76) "rappreżentanti diversi fornituri ta' frott u ħaxix, liema fornitura ġiet aċċettata minnek, oltre imgħaxijiet mid-data tal-fornituri sad-data tal-pagament effettiv", u dan ai*

*termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Din l-ittra uffiċċjali ġiet notifikata lis-soċjeta' esponenti, u billi ma ġietx intavolata risposta matul it-terminu ta' 30 jum traskorsi min-notifika, l-istess ittra uffiċċjali ġiet reża eżekuttiva mis-soċjeta' intimata.*

*Illi fid-29 ta' Jannar 2013, is-soċjeta' intimata talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv, liema talba ġiet milqugħa fit-30 ta' Jannar 2013, bil-konsegwenza li ġie spedit fil-konfront tas-soċjeta' esponenti il-mandat ta' sekwestru bin-numru 164/2013.*

*Illi madanakollu, l-ittra uffiċċjali vantata mis-soċjeta' intimata bħala t-titolu eżekuttiv formanti l-bażi ta' l-att eżekuttiv preċitat hija nulla u mingħajr effett, u kwindi għandha tiġi rexxissa, u dan stante li l-istess ittra uffiċċjali ma tissodisfax ir-rekwiżit meħtieġ mil-liġi ad validatem, a tenur ta' l-Artikolu 166A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*Illi kif jirriżulta mill-ittra uffiċċjali li qed tiġi mpunjata permezz tal-preżenti, is-soċjeta' intimata naqset għal kollox milli tiddikjara b'mod ċar "...r-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba", ilkoll ħtiġiet dawn li huma rikjesti taħt piena ta' nullita' mil-liġi.*

*Illi kull ma għamlet is-soċjeta' intimata, fl-ittra uffiċċjali spedita minnha u permezz tal-preżenti mpunjata, huwa li tgħid li l-ammont mitlub minnha kien "rappreżentanti diversi fornituri ta' frott u ħaxix, liema fornitura ġiet aċċettata minnek, oltre imgħaxijiet mid-data tal-fornituri sad-data tal-pagament effettiv".*

*Illi hija ġurisprudenza awtorevoli illi sabiex jiġi sodisfatt il-vot tal-liġi nvokat mis-soċjeta' esponenti bħala l-bażi ta' l-azzjoni odjerna, "Mhux allura biżżejjed li fl-ittra uffiċċjali wieħed jillimita ruħu għar-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba – f'dan il-każ, "l-appalt ta' l-injam" – imma għandu wkoll skond ir-regola normattiva u, għaliex le, il-bon sens, jiċċertifika l-elementi kollha fattwali għax minn dawn tiddependi, għat-tutela tad-difiża tad-debitur, l-interess*

*leġittimu u manifest li hu jkun xjenti tad-dikjarazzjonijiet kollha ta' fatt għal liema qed jintalab il-ħlas u b'hekk ikun fi grad aħjar li jammetti jew jirripella, skond il-każ, il-pretiża tal-kreditur reklamanti. Ukoll fil-fehma ta' din il-Qorti l-kliem "appalt fuq l-injam", ma jikkostitwux dikjarazzjoni ċerta u ċara tal-fatti. Inter alia, meta saret il-kontrattazzjoni, il-kontenut ta' l-appalt u t-termini tiegħu, l-eżekuzzjoni tiegħu, il-pattijiet dwar il-ħlas tiegħu, etcetera". Similment, ġie ritenut ukoll dwar l-użu tal-frażi "għal xogħol u parts li huwa għamel fuq struzzjonijiet tiegħek" f'dan il-kuntest li hekk ukoll il-vot tal-liġi mhux sodisfatt, u li "Bla dubju f'dan il-każ Sultana kellu jsemmi fl-ittra uffiċċjali in-natura tax-xogħol li qiegħed jintalab il-ħlas tiegħu, il-vettura li fuqha sar ix-xogħol, meta sar ix-xogħol u spjega ta' l-ammont li qiegħed jitlob fis-sens li jagħti tagħrif dwar spejjeż ta' parts u x-xogħol li saru u li tiegħu qed jippretendi l-ħlas. Informazzjoni li suppost kienet tirriżulta wkoll mill-kont li normalment joħroġ il-kreditur, u li f'dan il-każ ma ġietx annessa kopja tiegħu mal-ittra uffiċċjali".*

*Illi anke f'dan il-każ, is-soċjeta' intimata llimitat ruħha li tgħid biss li l-ammont minnha reklamat jirrappreżenta "fornituri ta' ħaxix u frott", u għalhekk għal dan il-għan japplikaw ukoll mutatis mutandis il-konsiderazzjonijiet esposti fid-deċiżjonijiet appena ċitati. Anke f'dan il-każ ma jidhirx li s-soċjeta' intimata eżebiet xi fattura jew fatturi, bil-konsegwenza li l-ammont minnha pretiż baqa' dejjem wieħed neboluż, altru milli ċar kif meħtieġ mil-liġi.*

*Illi fil-każ odjern, l-ambigwita' fil-kreditu pretiż mis-soċjeta' intimata huwa addirittura aċċentwat mill-fatt illi fl-ittra uffiċċjali, l-istess soċjeta' intimata daqqa tirreferi għal "fornituri", u ċioe' aktar minn fornitura waħda, u daqqa tirreferi għal "fornitura", ossia s-singular, bil-konsegwenza illi mill-istess ittra uffiċċjali lanqas ma huwa suffiċjentement ċar jekk il-kreditu hemmhekk reklamat huwiex pretiż fir-rigward ta' fornitura waħda jew inkella diversi.*

*Illi konsegwenza oħra tan-nuqqas ta' dikjarazzjoni ċara tal-fatti hija li mill-ittra uffiċċjali stess lanqas ma huwa*

*possibbli li jiġi determinat l-imgħaxijiet pretiżi mis-soċjeta' intimata stess. Fl-att in kwistjoni, is-soċjeta' intimata donnha qed tirreklama wkoll "imgħaxijiet mid-data tal-fornituri sad-data tal-pagament effettiv". Ġaladarba d-data tal-fornituri hija nieqsa stante li mhux indikata bl-ebda mod, mela allura dawn l-imgħaxijiet huma inkwantifikabbli, Fil-fatt, fl-att eżekuttiv spedit fuq talba tas-soċjeta' intimata, ma ntalbux imgħaxijiet billi s-soċjeta' intimata rriservat id-dritt tagħha għall-istess. Madanakollu, kif suespost, dawn in-nuqqasijiet fl-ittra uffiċċjali irendu l-istess att ġudizzjarju null u ineffikaċi.*

*Is-soċjeta' rikorrenti talbet lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(1) tappunta dan ir-rikors għas-smiegħ f'ġimgħatejn kif irid l-Artikolu 166A(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;*
*(2) tiddikjara nulla u mingħajr effett l-ittra uffiċċjali bin-numru 2945/2012 intavolata ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fl-ismijiet "Emy Calleja Company Limited vs. Sunshine Breaks Limited" stante li ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 166A(2) tal-Kodiċi appena ċitat, u per konsegwenza tirrexxindi l-istess ittra uffiċċjali;*
*(3) tirrevoka, tħassar u tikkanċella l-mandat ta' sekwestru bin-numru 164/2013 fl-ismijiet "Emy Calleja Company Limited vs. Sunshine Breaks Limited",*
*u dan kollu previa kull provvediment ieħor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tar-rappreżentanti ġudizzjarji u legali tagħha."*

Semghet lil partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013 u dan wara li l-avukat difensur tas-socjeta' intimata ghogbu ma jipprezentax risposta izda li jittratta direttament.

Rat il-kopja informali tal-ittra ufficcjali pprezentata mis-socjeta' intimata nhar il-11 ta' Dicembru 2012 fil-konfront

tas-socjeta' rikorrenti li ggib in-numru 2945/2012 esebita fl-atti waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu 2013.

Rat is-sentenzi li ghalihom ghamel referenza ir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu.

Rat illi dan ir-rikors fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013 gie differit ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013 il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet. Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:

1. Fil-11 ta' Dicembru 2012 is-socjeta' intimata Emy Calleja Company Limited pprezentat ittra ufficjali quddiem din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u nterpellat lis-socjeta' rikorrenti sabiex thallas l-ammont ta' sebat elef, sitt mija u wiehed u sittin ewro u sitta u sebghin centesmu (€7,661.76) rapprezentanti hlas in konnessjoni ma' diversi fornituri ta' frott u haxix liema dejn huwa cert, likwidu u dovut.
2. Is-socjeta' rikorrenti ma pprezentatx nota fit-termini tal-Artikolu 166A sabiex tikkontesta l-imsemmija ittra ufficjali.
3. Fid-29 ta' Jannar 2013 is-socjeta' intimata ipprezentat Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv (164/2013) ghas-somma ta' sebat elef, sitt mija u wiehed u sittin ewro u sitta u sebghin centesmu (€7,661.76) bhala sorte, oltre s-somma ta' tlett mija u tlieta u tmenin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€ 380.88) bhala spejjez.

Dwar dawn il-fatti ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni ghalkemm is-socjeta' intimata hija tal-fehma li semmai is-socjeta' rikorrenti ma missitx irrikoriet ghal din il-procedura straordinarja ta' nullita' ta' att gudizzjarju izda semmai messha pprezentat ir-risposta taghha entro t-tletin jum rikjest mill-ligi sabiex din l-istess ufficcjali numru 2945/2012 ma tigix reza esekuttiva.

**Konsiderazzjoni legali.**

It-titolu ezekuttiv li jkollu kreditur bis-sahha tal-**Artikolu 166A tal-Kap. 12** ghandu jigi dikjarat null u bla effett meta *“...... l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3).”*

Skond l-avukat difensur tar-rikorrenti dan l-artikolu tal-ligi jistipula tlett rekwiziti li ghandhom jigu osservati sabiex ikun hemm validita’ fl-ittra ufficcjali u cioe’:

(1.) li l-ittra jkun fiha r-raguni ghat-talba f’kaz ta’ dejn li ma jeccedix is-somma ta’ €23,293.73.
(2.) Ir-raguni ghalfejn ghandha tintlaqa’ t-talba, u cioe’ ghax id-dejn huwa cert likwidu u dovut; u
(3.) Hemm bzonn li jkun hemm dikjarazzjoni tal-fatti u hu appuntu fuq dan ir-rekwizit li ma hemmx qbil bejn il-partijeit dwar l-interpretazzjoni li l-Qorti ghandha taghti.

**L-Ewwel rekwizit**.

Il-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tapplika ghal dejn li ma jkunx jeccedi s-somma ta’ €23,293.73. Issa minn ezami tal-ittra ufficcjali esebita jirrizulta li l-allegat dejn tas-socjeta’ intimata jammonta ghal sebat elef, sitt mija u wiehed u sittin ewro u sitta u sebghin centesmu (€7,661.76) u ghalhekk jaqa’ fil-parametri ta’ dak li tistipula l-ligi. Dwar dan ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni.

**It-Tieni rekwizit.**

Dwar it-tieni rekwizit ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni dwar il-formula u uzu ta’ l-ittra ufficcjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap 12, ghaliex hemm miktub li l-ammont dovut huwa cert likwidu u dovut.

**It-Tielet rekwizit.**

Dwar dan ir-rekwizit jidher li hemm nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet. Filwaqt li is-socjeta’ intimate ssostni li l-ittra ufficcjali ma fihiex dikjrazzjoni tal-fatti kif rikjesta mil-ligi, is-socjeta’ rikorrenti ssostni li l-kliem “*rapprezentanti hlas in konnessjoni ma’ diversi fornituri ta’ frott u haxix*”

jammontaw ghad-dikjarzzjoni tal-fatti rikjesta mill-ligi *ad validitatem*.

L-**Artikolu 166A** jipprovdi li fl-ittra ufficjali: *“ghandu jigi dikjarat b’mod car,* ***taht piena ta’ nullità****, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, r-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa’, u dikjarazzjoni tal-fatti b’sostenn tat-talba.”* Mela dan hu wiehed mill-htigijiet li tezigi l-ligi u li minhabba fih jista’ jhassar titolu ezekuttiv li kreditur jottjeni bis-sahha tal-Artikolu 166A tal-Kap 12. Fl-ittra ufficjali jinghad li is-socjeta’ intimate qed tinterpella lis-socjeta’ rikorrenti sabiex thallas is-somma ta’ sebat elef, sitt mija u wiehed u sittin ewro u sitta u sebghin centesmu (€7,661.76) “**rapprezentanti hlas in konnessjoni ma’ diversi fornituri ta’ frott u haxix** ***liema dejn huwa cert, likwidu u dovut.”***

Ma jirrizultax li mal-att gudizzjarju ntbaghtet kopja tal-kont.

Jibda biex jinghad li fl-ittra ufficjali jinghad li qieghda tintbaghat *“taht l-****Artikolu 166A tal-Kap. 12”.*** *P*ermezz tal-procedura kontemplata fl-**Artikolu 166A tal-Kap 12**, il-Legislatur kellu l-hsieb li jnaqqas l-ammont ta’ kawzi li jsiru billi ntroduca din il-procedura specjali. Bl-Att VII tal-2007 zdiedet il-kompetenza ghas-somma ta’ €23,293.73, l-ammont li ghalih tista’ tintuza din il-procedura. Il-Qorti hi tal-fehma li l-ittra ufficjali hi xotta hafna u ma jistax jinghad li fiha ***“dikjarazzjoni tal-fatti b’sostenn tat-talba.”***

Il-kliem ***“in konnessjoni ma’ diversi fornituri ta’ frott u haxix”*** m’huwiex bizzejjed sabiex jissodisfa l-htiega li l-ittra ufficjali jkun fiha *“dikjarazzjoni tal-fatti”*. Wiehed ghandu jiftakar li fejn qabel persuna kellha taghmel kawza ghaliex ma jkollhiex titolu ezekuttiv, wara l-introduzzjoni tal-**Artikolu 166A** kreditur jista’ jottjeni titolu ezekuttiv b’semplici ittra ufficjali. Hu minnu li d-debitur ghandu l-opportunita’ kollha li f’kaz ta’ dubju jipprezenta nota fit-terminu ta’ tletin gurnata min-notifika u jopponi t-talba, u b’hekk igieghel lill-kreditur jkun kostrett jaghmel kawza, madankollu tibqa’ l-htiega mandatarja bil-ligi li l-ittra ufficjali jkollha ***“dikjarazzjoni tal-fatti b’sostenn tat-talba.”***

Madankollu dan ir-rekwizit hu *ad validitatem* u s-sanzjoni hi n-nullita' tal-ittra ufficjali ghal finijiet tal-**Artikolu 166A**. Il-kreditur ghandu l-obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss.

Bla dubju f'dan il-kaz is-socjeta' intimate kellha issemmi fl-ittra ufficjali l-konsenji li taghhom qed jintalab il-hlas u meta effettivament saret il-konsenja relattiva u min accetta l-istess konsenja jew fejn attwalment saret il-konsenja u spjegazzjoni tal-ammont li qieghda titlob, fis-sens li taghti taghrif dwar il-konsenji li saru u li taghhom qieghda tippretendi l-hlas. Informazzjoni li suppost kienet tirrizulta wkoll mill-kont li normalment johrog il-kreditur, u li f'dan il-kaz ma gietx annessa kopja tieghu mal-ittra ufficjali. Taghrif li m'hemm l-ebda accenn ghalih fl-ittra ufficjali in kwistjoni. Seta' kien hemm fatti ohra rilevanti, ezempju li d-debitur jiffirma l-kont. Ovvjament dawn ikunu jvarjaw minn kaz ghall-iehor. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-ilment tas-socjeta' rikorrenti fid-dawl tas-suespost u fid-dawl tal-ispjegazzjoni li tat din il-Qorti ghad-disposizzjoni tal-ligi hu gustifikat. (Vide f'dan ir-rigward ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri, Magistrat illum Onorevoli Imhallef Dr. Anthony Ellul nhar il-15 ta' Frar, 2010 Rikors Numru. 10/2010/1, wara l-mandat ta' sekwestru esekuttiv prezentat fid-19 ta' Jannar 2010 fl-ismijiet**: <u>Noel Sultana vs Andrew Mercieca</u>**).

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda ghar-raguni hawn fuq moghtija:**

**1. Tiddikjara nulla l-ittra ufficjali numru 2945/2012 prezentata fil-11 ta' Diembru 2012 mis-socjeta' intimata kontra s-socjeta' rikorrenti u konsegwentement thassar it-titolu ezekuttiv.**

**2. Tirrevoka l-Mandat ta’ Sekwestru Numru 164/2013 fl-ismijiet “Emy Calleja Company Limited vs Sunshine Breaks Limited”**

**L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------